MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1424/1994/1

**Francis u Pauline sive Polly konjugi Fenech**

**v.**

**Carmelo Portelli in kwalita` tieghu u bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent u l-Onorevoli Francis Zammit Dimech bhala Ministru ta' l-Ambjent**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment limitat ghar-rikors tal-konvenuti appellanti pprezentat fis-7 ta' Dicembru 2006 li permezz

tieghu qed jitolbu li jipproducu provi godda skond dak li jipprovdi l-artikolu 208 (1)(c)(d) tal-Kap. 12.

Din l-istess talba kienet effettivament saret mill-konvenuti permezz tar-rikors taghhom tas-16 ta’ Dicembru 2003 (mhux 2004 kif erroneament indikat fir-rikors tas-7 ta’ Dicembru 2006) u li jinsab a fol 318 ta’ l-atti. L-ewwel Qorti cahdet it-talba billi qalet testwalment hekk: “F’dan l-istadju wara 10 snin, din l-Qorti ma taccettax li setghet saret xi ‘skoperta gdida’; jekk hemm xi informazzjoni li l-avukati saru jafu biss issa, dan jindika nuqqas kbir ta’ xi parti fil-kawza, kwindi tichad it-talba.”

Il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 208 jitkellem dwar l-eventwalita` ta’ meta t-talba biex tingieb ix-xiehda tkun saret u giet michuda quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad, u din il-Qorti (jigifieri l-Qorti ta’ l-Appell) tkun tal-fehma li dik ix-xiehda hi ammissibbli u rilevanti. Imbaghad il-paragrafu (d) ta’ l-istess subartikolu jikkontempla l-ipotesi ta’ meta l-Qorti fi grad ta’ Appell tkun tal-fehma li x-xhieda ta’ dak ix-xhud hija “mehtiega jew utili”.

Il-Qorti tosserva li c-citazzjoni fil-kawza *de quo* giet pprezentata fis-27 ta’ Ottubru 1994 u l-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar fl-udjenza tas-17 ta’ Ottubru 2003 (ara fol 310), jigifieri ftit anqas minn 9 snin wara n-nota ta’ eccezzjonijiet li giet ipprezentata fid-19 ta’ Jannar 1995.

Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet altru milli korretta meta cahdet talba identika ghal dik odjerna peress li minn kull aspett ma jkunx gust li tigi ppremjata traskuragni grassa ta’ parti fil-kawza li tkun naqset milli taghmel il-verifiki kollha necessarji u li setghu jsiru matul il-perjodu ta’ aktar minn 8 snin. L-interess ta’ “l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja” li ghaliha jirrikjamaw il-konvenuti fir-rikors taghhom jinkludi wkoll li parti ma tinghatax il-permess li fi grad ta’ appell tipproduci provi li setghet facilment u kieku riedet u kienet attenta, tipproduci quddiem l-ewwel Qorti sa l-istadju ta’ l-gheluq tal-provi.

Ghal motivi premessi tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors tas-7 ta’ Dicembru 2006 u tordna l-prosegwiment ta’ l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------